**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Mejju, 2017**

**Citazzjoni Nru: 711/1987 AF**

**Andrew Scicluna u uliedu Catherine sive Katie Scicluna,**
**Mary mart Edwin Hammett,**
**Carmel sive Charles Scicluna f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh l-assenti Joseph Scicluna**

**u l-istess Edwin Hammett bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**u b'digriet tal-11 ta' Novembru 1996, stante l-mewt ta' Andrew Scicluna, giet ikkonfermata n-nota tal-atturi l-ohra bies jassumu l-atti tal-kawza minfloku**

**vs**

**Emanuela armla ta' Ernest Spiteri,**
**Maria Emanuela sive Mariella Spiteri,**
**Anna Grace sive Graziella Spiteri,**
**Andrew Spiteri,**
**Theresa mart Pierre Xerri,**
**Vittoria Spiteri,**
**Marianna mart Giovanni Farrugia,**
**Emilia mart Edward Fiorentino,**
**Andrew Spiteri (bin Rosario);**

**L-imsemmija Pierre Xerri, Giovanni Farrugia u Edward Fiorentino ghal interess li ghandhom bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni parafernali ta' marthom Emanuela Spiteri li b'digriet tat-30 ta' Settembru 1987, giet konfermata Kuratur Deputat biex tirrapprezenta lill-assenti Joseph Spiteri;**

**Edward Fiorentino li b'digriet tas-6 ta' Ottubru 1987 gie kkonfermat Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Arthur Spiteri u b'digriet tat-2 ta' Ottubru 1989, il-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju billi jiddahhlu fil-kawza minflok il-mejta konvenuta Marianna armla Farrugia:**

**Carmela Fiorentino,**
**Albert Farrugia f'ismu proprju u f'isem l-assenti huh Joseph Farrugia,**
**Edwin Farrugia,**
**Suor Narcisia fis-seklu Maria Dolores Farrugia u**
**Suor Enrichetta fis-seklu Georgina Farrugia;**

**U b'digriet tal-5 ta' Marzu 2008, stante l-mewt tal-konvenut Andrew Spiteri, l-atti gew trasfuzi f'isem:**

**Margaret Spiteri mart il-konvenut Andrew Spiteri,**
**Joseph Spiteri,**
**Catherine mart Frank Farrugia,**
**Carmen mart George Magri,**
**Mary mart George Cutajar,**
**Andreana mart Emanuel Zammit,**
**Emanuela mart Joseph Duca,**
**Doreen mart Raymond Borg,**
**lkoll f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom tal-assenti ohthom Maria Concetta sive Cettina mart Maurice Agius**

**u b'nota tat-18 ta' Marzu 2008 Anna Grace sive Graziella Cassar u Theresa mart Pierre Xerri assumew l-atti tal-kawza ghan-nom u f'isem huhom l-assenti Joseph Spiteri minflok il-mejta ommhom Emanuela Spiteri;**

**u b'digriet tal-1 ta' April 2008 l-atti gew trasfuzi f'isem Carmela mart Paul Fiorentino, Albert Farrugia f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti huh Joseph Farrugia, Edwin Farrugia, Suor Narcisia fis-seklu Maria Dolores Farrugia u Suor Enrichetta fis-Seklu Georgina Farrugia, it-tnejn tal-Ordni Frangiskan tal-Qalb ta' Gesù flok il-konvenut Giovanni Farrugia li miet fil-mori tal-kawza;**

**u b'digriet tal-1 ta' April 2008, l-atti gew trasfuzi f'isem Emilia Fiorentino, Theresa mart Pierre Xerri, Anna Grazia sive Graziella mart Wilfred Cassar, f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom ta' huthom Joseph Spiteri, Maria Emanuela sive Mariella Spiteri u Andrew Spiteri lkoll assenti, Carmel Fiorentino bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-eredi tal-mejjet Arthur Spiteri, u cioè Emmanuel Spiteri, Lawrence Spiteri, Doris mart Butch Kennedy, u Carmel sive Charles Spiteri, Carmela mart Paul Fiorentino, Albert Farrugia f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti huh Joseph Farrugia, Edwin Farrugia, Suor Narcisia fis-Seklu Maria Dolores Farrugia u Suor Enrichetta fis-Seklu Georgina Farrugia, it-tnejn tal-Ordni Frangiskan tal-Qalb ta' Gesù flok il-konvenuta Vittoria Spiteri li mietet fil-mori tal-kawza;**

**u b'digriet tat-3 ta' April 2008 l-atti gew trasfuzi f'isem Emilia Fiorentino armla ta' Edward Fiorentino, Walter Fiorentino u Carmelo Fiorentino flok il-konvenut Edward Fiorentino li miet fil-mori tal-kawza;**

**u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2010 l-atti gew trasfuzi f'isem Walter Fiorentino u Carmelo Fiorentino flok Emilia Fiorentino li mietet fil-mori tal-kawza.**

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-atturi li ġie ppreżentat fis-16 ta' Settembru 1987, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

B'att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia tal-1 ta' Dicembru 1981 (Dok. A), il-konvenuti flimkien ma' Ersilia mart Andrew Scicluna (illum mejta) li tigi l-mara tal-attur Andrew Scicluna u omm l-atturi l-ohra ahwa Scicluna, ghamlu divizjoni ta' diversi proprjetajiet immobbli, fost liema proprjetà immobbli kien hemm porzjoni art f'Hal Luqa f'St. James Street, liema porzjoni art kellha skond l-intenzjoni tal-partijiet tigi diviza fi tliet porzjonijiet ta' art tal-kejl superficjali ugwali kif jidher mill-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt ta' divizjoni li kopja taghha qed tigi hawn annessa Dok. "B" – liema porzjonijiet art gew inkorporati fil-porzjonijiet numru 4, 5 u 6 tal-istess divizjoni u gew assenjati l-porzjoni numru 4 lil Ersilia Scicluna (mart u omm l-atturi rispettivament), il-porzjoni numru 5 lill-konvenuta Emanuela Spiteri u uliedha ahwa Spiteri ulied il-mejjet Superintendent Ernest Spiteri u l-porzjoni numru 6 lill-konvenuta Marianna Farrugia.

L-imsemmija pjanta saret mill-perit Raymond Vassallo minghajr ma acceda fuq il-post u zmien qabel l-imsemmija divizjoni, wara li saru l-verifiki kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, irrizulta li dik il-pjanta ma tirriflettix l-intenzjoni vera tal-partijiet fis-sens li l-porzjoni art tal-atturi attwalment ma fihiex il-kejl indikat fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni u imnizzel fl-istess pjanta billi meta zammew il-kejl tal-faccata ta' 13.5 metri imsemmi fl-istess pjanta ma sabux il-fond mehtieg biex ikollhom il-kejl ta' 265 metri kwadri imnizzel fl-istess pajnta u lilhom assenjat permezz tal-imsemmija divizjoni.

Ghalkemm mitluba biex jikkoregu dan l-izball, il-konvenuti baqghu inadempjenti u anzi l-konvenuti Emanuela spiteri u uliedha insistew li l-atturi jzommu l-kejl tal-faccata ghal 13.5 metri kif imnizzel fil-pjanta u anke bdew proceduri ta' spoll kontra l-atturi b'citazzjoni fl-ismijiet "Emanuela Spiteri et vs Andrew Scicluna et" (Citaz. Nru. 789/94F) li ghadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u differita ghad-9 ta' Ottubru 1987.

Intalbet din il-Qorti li:

1. Ma ghandhiex tiddikjara li l-pjanta annessa mal-att tad-divizjoni tal-1 ta' Dicembru 1981 fuq imsemmi ma tirriflettix il-konfigurazzjoni attwali tal-art in divizjoni u lanqas il-kejl tal-istess art u ghalhekk dina l-pjanta hija zbaljata kif fuq intqal u ma tissodisfax l-intenzjoni tal-partijiet kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tinnomina perit biex jaghmel pjanta gdida u ezatta wara li jaccedi fuq il-post u jaqsam l-imsemmija porzjoni art fi tliet porzjonijiet ta' art ta' kejl superficjali ugwali kif fil-fatt kienet l-intenzjoni originali tal-partijiet.

3. Tordna li jsir l-att korrettorju tal-imsemmi kuntratt ta' divizjoni billi l-porzjonijiet art f'Hal Luqa deskritti fil-porzjonijiet numri 4, 5 u 6 fl-imsemmija divizjoni jigu korretti billi jigu jikkorrispondu mal-porzjonijiet art godda kif deskritti bil-kejl u konfini taghhom mill-perit nominat skond it-tieni talba.

4. Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att korrettorju, u tinnomina Nutar buex jircievi l-istess att u kuraturi biex jidhru ghal kontumaci fuq l-istess att korrettorju.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Marianna mart Giovanni Farrugia u l-istess Giovanni Farrugia għall-interess li għandu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, liema nota ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 1987, fejn gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok, il-konvenut Giovanni Farrugia, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, ghax il-beni in divizjoni *de quo* ma jaqghux taht il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu izda huma parafernali u skond l-art. 1388 tal-Kodici Civili lanqas jaqghu that l-amministrazzjoni tieghu.

F'kull kaz l-attur Carmelo sive Charles Scicluna irid jipprova li

ghandu l-mandat ta' huh assenti Joseph.

Irid jigi pruvat l-interess u *locus standi in judicio* tal-attur Andrew Scicluna, billi dan la kien wiehed mill-kondividenti u lanqas jidher li hu werriet ta' martu mejta Ersilia, u f'kaz li dan l-interess ma jirrizultax, il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Ghall-istess ragunijiet moghtija fl-ewwel eccezzjoni ma jidhirx li l-attur Edwin Hammett ghandu interess u *locus standi in judicio* ghax il-beni in kwistjoni jappartjenu lil martu Mary u bil-ligi ma jaqghux taht il-komunjoni tal-akkwisti u it-tregija u amministrazzjoni tal-beni parafernali hija f'idejn il-mara (art. 1388 Kodici Civili, u ghalhekk hu l-kaz li l-konvenuti jigu liberati mill-osservanza fil-konfront ta' dan l-attur).

Fil-mertu u subordinatament ghas-suespost, ma hemm lok ghall-ebda att korrettorju u mar sar ebda zball fil-pjanta li ghandu jigi korrett, ghax il-vera intenzjoni tal-kondividenti kienet li kull parti ikollha 13.5 metru faccata fuq it-triq. Hekk hemm fil-pjanta u fuq il-kuntratt. Kulhadd kien jaf li kien hemm xi xtur fuq wara tal-plots, u ghalhekk kull indikazzjoni ta' area li hemm fil-pjanta setghet biss tkun indikattiva u approssimattiva, ghax kien jidher *ictu oculi* u kien ovvju ghal kulhadd li jekk il-faccata kellha wisa' stabbilit u l-fond kien ivarja, bilfors li l-area kellha tvarja xi ftit minn plot ghal plot.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Vittoria Spiteri, li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 1987 li eccepiet illi:

In linea preliminari trid issir il-prova (bi prokura) li l-attur Carmel sive Charles Scicluna ghandu l-mandat biex jirrapprezenta lill-assenti Joseph Scicluna f'din il-kawza, u li kellu din meta giet prezentata l-kawza.

Irid jigi pruvat l-interess tal-attur Andrew Scicluna, li zgur li mhux wiehed mill-kondividenti u ma jirrizultax li hu werriet ta' martu mejta Ersilia Scicluna. F'kaz li dan l-interess ma jirrizultax, il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza

tal-gudizzju fil-konfront tieghu bl-ispejjez.

Ma jidhirx li l-attur Edwin Hammett jista' jkollu xi interess jew *locus standi in judicio*, ghax il-beni in divizjoni *de quo* ma jappartjenux lil komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu u l-amministrazzjoni u t-tregija tal-beni parafernali hija f'idejn il-mara skond l-art. 1388 tal-Kodici Civili. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza fil-konfront tal-attur Edwin Hammett.

Subordinatament u fil-mertu, l-intenzjoni tal-partijiet fuq l-att tad-divizjoni kienet li kull wahda mill-kondividenti tieghu 13.5 metri faccata fabbrikabbli, minkejja xi xtur li kulhadd kien jaf li jezisti fuq il-wara tal-art u li jidher mill-istess pjanta in kontestazzjoni. L-area li tidher fuq il-pjanta hija biss indikattiva u approssimattiva u ma kienitx importanti ghax il-partijiet riedu li l-qasma tkun marbuta mal-wisgha tal-faccata fuq it-triq. Kien biss meta l-awtrici tal-atturi giet biex tibni u ma sabitx il-fond rikjest biex ikollha l-area indikata fil-pjanta li ippretendiet li unilateralment tisposta il-faccata ghall-fuq l-art assenjata lill-konvenut Spiteri, tant li dawn agixxew kontra taghha b'kawza ta' spoll. L-iskop ta' din il-kawza hu wiehed merament vessatorju u biex jinnewtralizza l-effetti tas-sentenza moghtija f'dik il-kawza minn din il-Qorti.

Il-pjanta impunjata saret wara d-debiti verifiki fuq il-post da parti tal-AIC Raymond Vassallo u kulhadd kien jaf x'qed jiffirma dak in-nhar tal-kuntratt, u kwindi ma hemm ebda zball u ma hemm lok ghal ebda att korrettorju.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Emanuela armla ta' Ernest Spiteri f'isimha proprju u bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri; Maria Emanuela sive Mariella Spiteri, Anna Grace sive Graziella Spiteri, Andrew Spiteri, Theresa mart Pierre Scerri u l-istess Pierre Scerri għall-interess li għandu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 1987, fejn eccepew illi:

It-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra Pierre Scerri bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu michuda u hu ghandu jigi liberat bl-ispejjez mill-osservanza, ghax il-beni in kwsitjoni ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda huma beni parafernali ta' martu Theresa Scerri.  Anki in kwantu hu gie citat fil-kapacità tieghu ta' amministratur tal-beni parafernali ta' martu, hu ghandu jigi liberat mill-osservanza, ghax skond l-art. 1388 tal-Kodici Civili, il-mara ghandha t-tregija u amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Ghall-istess ragunijiet l-attur Edwin Hammett m'ghandux *locus standi in judicio* u interess f'din il-kawza u l-konvenuti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza fil-konfront tieghu.

Subordinatament, l-attur Carmel sive Charles Scicluna irid jipprova il-mandat tal-assenti Joseph Scicluna biex jidher ghalih f'din l-istanza, qabel ma l-kawza tipprocedi oltre.

Irid jigi pruvat l-interess tal-attur Andrew Scicluna f'din il-kawza, stante li hu ma kienx parti fid-divizjoni in kwistjoni, u ma jidhirx li hu werriet ta' martu Ersilia Scicluna, illum mejta. F'kaz li dan l-interess ma jirrizultax, il-konvenuti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza fil-konfront tal-attur Andrew Scicluna.

Subordinatament u fil-mertu, il-pjanta mertu ta' din il-kawza turi bic-car x'kienet l-intenzjoni tal-kondividenti kollha li iffirmaw l-istess kuntratt, u cioè li kull wiehed mit-tlitt plots ikollu faccata ta' 13.5 metri, biex l-izvilupp fuq it-triq ikun ugwali.  Jekk minhabba xi tixtir fuq wara tal-plots hemm xi divergenza l-area ta' kull plot, dan kien u hu accettabbli u dment li ma jaghtix lok ghal divergenza ta aktar minn 5% tal-kejl indikat, skond il-ligi (Art. 1452 tal-Kodici Civili) u skond il-gurisprudenza u l-prattika, ma jaghti qatt lok ghall-azzjoni simili.

L-atturi jew l-awtrici taghhom, ommhom Ersilia Scicluna, mejta, kienet taf x'qed tiffirma u l-atturi li ma kienux prezenti fuq il-kuntratt, zgur li ma jistghux jghidu x'kellhom f'mohhom il-kondividenti.  Izda l-atturi qed jiprpetendu li jiehdu faccata

aktar milli hemm stipulat fuq l-istess kuntratt u pjanta, biex jikkompensaw ghal xi xtur fuq wara li kien jezisti mill-bidu nett u kulhadd kien jaf bih.

Mhux minnu li l-pjanta *de quo* saret mill-Perit Raymond Vassallo bla ma acceda fuq il-post, anzi hu kien mar darbtejn biex hejja l-pjanta u d-divizjoni.

Il-pjanta tal-perit Bezzina hija pjanta ex parte u ghandha tigi sfilzata u zgur li ma tistax tigi accettata ghax ma saritx bl-inkariku tal-konvenuti.

F'kull kaz id-dicitura tal-kuntratt hija cara bizzejjed u ghalhekk zgur ma hemm lok ghall-ebda att korrettorju.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Emilia mart Edward Fiorentino u l-istess Edward Fiorentino f' ismu proprju u għall-interess li għandu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 1987 nominat kuratur deputat biex jirrappreżenta lill-assenti Arthur Spiteri, li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 1987, li eccepew illi:

In kwantu l-konvenut Edward Fiorentino gie mharrek f'ismu proprju ghall-interess li ghandu bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, hu gie mharrek inutilment, ghax il-beni in divizjoni ma kienux jiffurmaw parti mill-komunjoni u l-amministrazzjoni u t-tregija tal-beni parafernali ta' martu hija f'idejha skond il-ligi (Art. 1388 tal-Kodici Civili). Ghalhekk hu ghandu jigi liberat mill-osservanza.

Ghall-istess motivi jidher li l-attur Edwin Hammett ma ghandux interess f'din il-kawza u lanqas ghandu *locus standi in judicio* u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu bl-ispejjez.

Qabel ma l-kawza tipprocedi oltre l-attur Carmelo sive Charles Scicluna irid jipproduci prokura awtentikata tal-mandat li

allegatament ghandu minghand l-assenti Joseph Scicluna.

L-attur Andrew Scicluna irid jipprova l-interess guridiku tieghu f'din il-kawza billi hu mhux wiehed mill-kondividenti u ma jirrizultax li hu werriet ta' martu mejta Ersilia.

Subordinatament u fil-mertu, ma hemm ebda zball x'jigi korrett la fil-kuntratt ta' divizjoni u lanqas fil-pjanta, ghax il-vera intenzjoni tal-kondividenti kienet li kull plot ikollha faccata fuq it-triq ta' 13.5 metru, nonostante xi xtur li kien hemm fuq wara tal-plots. Dan kien jaf bih kulhadd u kien jidher *ictu oculi* kemm fuq il-post kif ukoll fuq il-pjanta. L-awtrici tal-atturi kienet taf x'qed tiffirma u zgur li l-atturi odjerni mhumiex f'posizzjoni li jghidu x'kienet il-vera intenzjoni tal-partijiet meta lanqas biss kienu prezenti ghall-kuntratt. L-indikazzjoni tal-area kienet manifestament impreciza u approssimattiva, ghax kienu ovvju li la l-wisgha tal-plot kien determinat (13.5 metru) u l-fond kien ivarja xi ftit, bilfors li l-area ma kienitx ugwali.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Andrew Spiteri li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Marzu 1988, li eccepixxa illi:

Fl-ewwel nett, l-attur Carmelo sive Charles Scicluna irid jipprova li ghandu l-mandat ta' huh assenti Joseph.

Fit-tieni lok, irid jigi ippruvat l-interess u locus standi in judicio tal-attur Andrew Scicluna billi dan la kien wiehed mill-kondividenti u lanqas jidher li hu werriet ta' martu mejta Ersilia u f'kaz li dan l-interess ma jirrizultax, l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Irid jigi ippruvat ukoll l-interess u locus standi in judicio tal-attur Edwin Hammett peress li l-beni in kwistjoni jappartjenu lil martu Mary u bil-ligi ma jaqghux taht il-komunjoni tal-akkwisti, u t-tregija u l-amministrazzjoni tal-beni parafernali hija f'idejn il-mara (art. 1340 tal-Kodici Civili – 1984 Edizz.) u ghalhekk f'kaz li din ma tigix ippruvata, l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' dan l-attur.

Fil-meritu u minghajr pregudizju ghall-premess, ma hemm lok ghal ebda att korrettorju u ma sar l-ebda zball fil-pjanta li ghandu jgi korrett, ghax il-vera intenzjoni tal-kondividenti kienet li kull parti jkollha 13.5 metru faccata fuq it-triq. Hekk hemm fuq il-pjanta u fuq il-kuntratt; u kulhadd accetta dawn il-qsim minkejja li kien hemm xi xtur fuq wara tal-plots li kulhadd kien jaf bihom.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Vince Galea li ġie konfermat bil-gurament minnu fis-6 ta' Lulju 2011[1], u r-rapport tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti li ġie konfermat minnu fl-14 ta' Lulju 2011[2].

Rat li fit-2 ta' Novembru 2011 fuq talba tal-konvenuti biex jinħatru periti addizzjonali, il-Qorti innominat lil Dr Joseph Buttigieg u lill-periti Mario Cassar u Godwin Abela. Rat li l-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta biex titkompla u tinqata'.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza meta ma baqa' jintwera ebda interess fiha mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Ikkunsidrat illi fl-1 ta' Diċembru 1981 gie pubblikat kuntratt ta' diviżjoni[3] fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Cachia. Dan il-kuntratt sar minħabba li l-aħwa Spiteri, ulied il-mejtin Rosario u Emanuela neé Cassar, kienu jippossjedu in komuni benjiethom diversi proprjetajiet ġejjin mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u

[1] Fol 227 et seq

[2] Fol 437 et seq

[3] Dok A fol 5 et seq

xtaqu li jaqsmuhom bejniethom. Skont l-istima li għamel il-perit Raymond Vassallo fuq inkarigu tagħhom, (liema stima hija annessa mal-kuntratt tad-diviżjoni) dawn il-beni għandhom valur kumplessiv ta' tlieta u għoxrin elf u erba' mitt lira maltija (Lm23,400). Il-perit qasam dawn il-beni fi tmien (8) porzjonijiet, kull porzjoni tal-valur ta' elfejn, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm2,925).

Kull wieħed mis-seba' (7) aħwa Spiteri kellu sehem wieħed ta' ottav (1/8) indiviż bl-eċċezzjoni tax-xebba Vittoria Spiteri, li kellha żewġ ishma u cioè kwart (1/4) indiviż. Fir-rigward ta' Ernest Spiteri, peress li dan kien diġa mejjet meta saret id-diviżjoni, is-sehem tiegħu inqasam bejn il-ħames (5) uliedu u martu Emmanuela irceviet l-uzufrutt.

Kif jirriżulta mill-istess kuntratt tad-diviżjoni, l-aħwa Spiteri (u fil-każ tal-mejjet Ernest, martu u wliedu) ħadu s-segwenti porzjonijiet:

- Arthur Spiteri - l-1 porzjoni
- Andrew Spiteri - it-2 porzjoni
- Emilia mart Edward Fiorentino - it-3 porzjoni
- Ersilia mart Andrew Scicluna - ir-4 porzjoni
- Mart u ulied il-mejjet Ernest Spiteri:- il-5 porzjoni in kwantu għal martu u uliedu.
- Marianna mart Giovanni Farrugia - is-6 porzjoni
- Vittoria Spiteri, xebba - is-7 u t-8 porzjonijiet

Minn dawn it-tmien (8) porzjonijiet, dawk li jikkonċernaw il-kawża odjerna huma ir-raba' (4) porzjoni, il-ħames (5) porzjoni, u s-sitt (6) porzjoni. Kull waħda minn dawn it-tlett porzjonijiet tikkonsisti f' biċċa art f'St James Street, Luqa, u dawn it-tlett biċċiet art huma adjaċenti peress li kienu jifformaw parti minn art waħda. Fil-fatt fir-rapport tal-perit Raymond Vassallo (anness mal-kuntratt) fejn elenka l-beni kollha in diviżjoni u l-valuri rispettivi tagħhom, huwa kien iddiskriva tali art hekk:

> *"Biċċa art fabbrikabbli f St James Street, Luqa. Din l-art għandha kejl superfiċjali ta' xi elf u erba' mitt metru kwadru (korrispondenti għal xi 1.25 tmiem.) Mill-pjan*

*regolatur jidher li xi nofs is-sit huwa fabbrikabbli. **Il-parti fabbrikabbli għandha faċċata fuq St James Street ta' xi 40 metru tul** u faċċata fuq it-triq proġettata ta' xi 27 metri. Dawn it-tulijiet huma proviżorji billi ġew skalati mill-pjan regolatur li huwa soġġett għal element ta' inċertezza. Valur Lm8,100."*

(enfasi ta' din il-qorti)

It-tlett porzjonijiet (4, 5, u 6) li ħarġu minn din l-art fabbrikabbli (bil-faċċata fuq St James Street ta' xi 40 metru tul) ġew deskritti hekk:

***<u>Ir-raba' porzjoni:</u>*** *(li rceviet Ersilia mart Andrew Scicluna)*

*Din tikkonsisti f' porzjoni diviża ta' art fabbrikabbli f' Saint James Street, Luqa, u hija parti mill-art akbar deskritta fil-paragrafu tmienja tar-relazzjoni peritali, hija indikata bħala Porzjoni erbgħa (Porzjoni 4) fl-annessa pjanta u survey sheet inkorporata dokument E, fiha kejl ta' circa mitejn u ħamsa u sittin metri kwadri (265m²) tikkonfina mill-majjistral ma' beni tal-familja Scicluna, mil-Lbiċ ma' Saint James Street, u mix-Xlokk mal-Porzjoni ħamsa mill-istess art, tal-valur ta' elfejn u seba' mitt lira maltija (Lm2,700). Din il-porzjoni tieħu ekwiparazzjoni ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm225) u tiġi tal-valur ġust ta' elfejn, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm2925).*

***<u>Il-ħames porzjoni:</u>*** *(li rcevew mart u ulied Ernest Spiteri)*

*Din il-porzjoni tikkonsisti fil-parti diviża mill-art deskritta taħt il-paragrafu tmienja tar-relazzjoni peritali indikata bħala Porzjoni ħamsa (Porzjoni 5) fl-annessa pjanta u survey sheet Dokument E, f'Saint James Street, Luqa, tal-kejl ta' circa mitejn u ħamsa u sittin metri kwadri (265m²) konfinanti mill-majjistral mal-imsemija Porzjoni erbgħa (4) fl-istess pjanta, mil-Lbiċ*

*ma' Saint James Street, u mix-Xlokk mal-Porzjoni sitta (6) fl-istess pjanta tal-valur ta' elfejn u seba' mitt lira maltija (Lm2,700). Din il-porzjoni tieħu ekwiparazzjoni ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm225) u tiġi tal-valur ġust ta' elfejn, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm2925).*

***Is-sitt porzjoni:*** *(li rcevew Marianna mart Giovanni Farrugia)*

*Din tikkonsisti f'erba' porzjonijiet ta' art kontigwi indikati bħala Porzjoni (6) u bl-ittri X, Y u Z fl-annessa pjanta dokument E, tal-kejl il-Porzjoni sitta (6) ta' mitejn u ħamsa u sittin metri kwadri circa (265m²) u hija parti diviża mill-art deskritta taħt il-paragrafu tmienja tar-relazzjoni peritali, il-porzjonijiet X u Y tal-kejl rispettivament ta' circa mitejn u seba' u sittin metri kwadri u ta' circa mitejn u sitta punt ħamsa metri kwadri (267m² u 206.5m²) huma intiżi biex jiġu inkorporati f' By-Pass proposta, waqt li l-Porzjoni Z li fiha l-kejl ta' cirka mija u seba' u tmenin metri kwadri (187m²) hija indikata bħala sit agrikolu fil-paragrafu għaxra (10) tar-relazzjoni peritali, kollox flimkien jikkonfina mil-Lbiċ ma' Saint James Street, mill-Grigal ma' beni ta' Joseph Galea, u mill-Majjistral mal-Porzjoni ħamsa (5) fl-istess pjanta, tal-valur kumplessiv din il-porzjoni ta' tlett elef u mitt lira maltija (Lm3100). Din il-porzjoni għalhekk tħallas ekwiparazzjoni ta' mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm175) u għalhekk tiġi tal-valur ġust ta' elfejn, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm2925).*

Il-Perit Raymond Vassallo irrediga pjanta fir-rigward ta' dawn it-tlett biċċiet art kontigwi. Il-pjanta ġiet esebita f' dawn l-atti bħala Dok B[4] però fuq in-naħa ta' fuq hemm immarkat fuqha "Dok E". Din il-pjanta għalhekk jidher li hija effettivament il-pjanta li għaliha saret riferenza fil-kuntratt td-diviżjoni tal-1981, u senjatament fir-rigward tal-porzjonijiet 4, 5 u 6

[4] Dok B, fol 28

(għalkemm ma jidhrux firem fuqha). Fuq tali pjanta kien ġie indikat li kull biċċa art relattiva għall-porzjonijiet 4, 5 u 6 tkejjel 265mk u wkoll li għandha faċċata ta' 13.5 metru fuq St James Street, Luqa.

L-atturi (u cioè ir-raġel u l-ulied ta' Ersilia Scicluna[5], li kienet irceviet ir-raba' porzjoni) jilmentaw illi wara li saret id-diviżjoni tal-1981 irriżulta li l-porzjon art tagħhom effettivament ma fihiex il-kejl ta' 265 metri kwadri kif indikat fil-kuntratt ta' diviżjoni u fil-pjanta relattiva, billi meta huma żammew il-kejl tal-faċċata ta' 13.5m, kif muri fuq il-pjanta, sabu li ma kienx hemm fond biżżejjed biex ikollhom art bil-kejl ta' 265 metri kwadri.

Jispjegaw illi għalhekk kienu inkarigaw lill-Perit Alex Bezzina li meta mar fuq il-post u ħa l-kejl neċessarju irriżultalu li biex it-tlett porzjonijiet ikunu ugwali kif kienet l-intiża tal-partijiet, kellhom ikunu tal-kejl u fond kif muri fuq il-pjanta li rredieġa hu, liema pjanta ġiet esebita fl-atti odjerni bħala Dok C.[6] Fuq din il-pjanta t-tlett porzjonijiet 4, 5, u 6 ġew indikati b' faċċata ta' 15.17m, 13.94m u 12.42m rispettivament.

Jispjegaw li għalhekk huma talbu lill-konvenuti, partikolarment lil Emanuela armla ta' Ernest Spiteri u uliedha (bħala użufruttwarja u komproprjetarji tal-porzjoni 5), u lil Marianna Farrugia (bħala proprjetarja tal-porzjoni 6) biex jikkorreġu dan l-iżball, iżda dawn baqgħu inadempjenti. Mhux biss, iżda meta ġew biex iħammlu l-istess sit, il-konvenuta Emanuela Spiteri u wliedha (li għandhom il-porzjon 5 adjaċenti għall-porzjon 4 tal-atturi) insistew li jżommu l-kejl tal-faċċata għal 13.5 metri kif indikat fuq il-pjanta relattiva għall-kuntratt (li l-atturi qed jgħidu li hija żbaljata). Meta l-atturi ħammlu aktar minn ta' 13.5 metri Marianna Farrugia u wliedha fil-fatt fetħu proċeduri ta' spoll fil-konfont tagħhom[7].

---

[5] Skont ix-xhieda ta' binha Carmel Scicuna, Ersilia Scicluna mietet fit-2 ta' Frar 1987, u cioe` ftit xhur qabel ma ġiet intavolata din il-kawża

[6] Dok C, fol 29

[7] "Emmanuela Spiteri et vs Andrew Scicluna et" 789/84.

L-atturi in vista tas-suesport, qed jitolbu:

(i) Li jiġi dikjarat li l-pjanta annessa mal-kuntratt tad-diviżjoni hija żbaljata u li ma tirriflettix il-konfigurazzjoni attwali tal-art in diviżjoni u lanqas il-kejl tal-istess art u għalhekk din il-pjanta hija żbaljata u ma tissodisfax l-intenzjoni tal-partijiet;

(ii) Li jiġi nominat perit biex jagħmel pjanta mill-ġdid u eżatta wara li jaqsam l-art f' tlett porzjonijiet ta' art ta' kejl superfiċjali ugwali skont l-intenzjoni oriġinali tal-partjiet;

(iii) Li jsir l-att korrettorju opportun; u

(iv) Li jiġi nominat nutar biex jippubblika l-art korrettorju relattiv.

Il-konvenuti da parti tagħhom iddefendew il-pożizzjoni tagħhom fil-mertu billi qalu li ma kien hemm l-ebda żball fil-pjanta li għandu jiġi korrett. Skont huma l-vera intenzjoni kienet li kull biċċa art ikollha 13.5m faċċata fuq it-triq. Jargumentaw illi kulħadd kien jaf li hemm l-ixtur fuq wara l-art u kien ovvju għal kulħadd li jekk il-faċċata kellha wisgħa stabbilit u l-fond kien ivarja, allura bil-fors li l-kejl superfiċjali ta' kull biċċa kellha tvarja ftit minn waħda għall-oħra.

Qabel ma din il-qorti tgħaddi biex teżamina l-mertu tal-kawża, ser tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti:

(a) *<u>L-eċċezzjoni li l-konvenuti Giovanni Farrugia, Pierre Scerri, u Edward Fiorentino f' isimhom proprju għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju:</u>*

Din fil-fatt kienet eċċezzjoni komuni li tqajmet mis-segwenti konvenuti :

(i) Marianna u Giovanni konjuġi Farrugia (fir-rigward ta' Giovanni Farrugia),

(ii) Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f'isimha proprju u bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri; u Maria Emmanuela sive Maria Spiteri, Anna Grace sive Graziella Spiteri, Andrew Spiteri u Theresa u Pierre konjuġi Scerri (fir-rigward ta' Pierre Scerri); u

(iii) Emilia u Edward konjuġi Fiorentino (fir-rigward ta' Edward Fiorentino).

Dawn l-imsemmija konvenuti fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom jilmentaw illi in kwantu Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino (rispettivament) ġew imħarrkin f' isimhom proprju għall-interess li għandhom *bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni parafernali ta' marthom* huma ġew imħarrkin inutilment: dan għaliex (i) il-beni in diviżjoni ma kinux jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom u bejn marthom u (ii) għax l-amministrazzjoni tal-beni parafernali ta' marthom hija f' idejn l-istess marthom skont l-Artikolu 1388 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant sostnew li l-imsemmija Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino (rispettivament) għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-perit legali jispjega li bl-emendi fil-Kodiċi Ċivili tal-1973 il-mara kienet ingħatat il-fakoltà tat-tgawdija u tat-treġija tal-beni parafernali tagħha, iżda tali treġija ma kinitx esklussiva kif inhi llum.[8] Jippreċiża li fl-istat tal-liġi kif kienet fl-1973, meta l-materja kienet tolqot il-proprjetà tal-fond li kien parafernali tal-mara, din setgħet taġixxi waħedha; meta però l-istanza kellha x'taqsam mal-amministrazzjoni tal-fond, tali azzjoni kienet tispetta r-raġel stante li l-frottijiet minn tali beni kienu jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti.[9]

---

[8] Illum il-ġurnata bl-emendi tal-Att XXI tal-1993 l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tal-mara ġiet affidata esklussivament f' idejha. Artikolu 1334(2) tal-Kodiċi Ċivili: "*L-amministrazzjoni tal-beni parafernali tkun b'mod esklussiv f'idejn dik il-parti fiż-żwieġ li tagħha jkunu l-beni*."

[9] Jirreferi f' dan ir-rigward għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-12 ta' Ottubru 1983 fil-kawża fl-ismijiet "**Marija Farrugia et vs Joseph Camilleri et**"

Din il-qorti fil-fatt tagħmel riferenza għan-noti tal-Professur V Caruana Galizia - *"Notes on Civil Law"*[10] (Edizzjoni 1978) – fejn ġiet spjegata hekk is-sitwazzjoni fir-rigward tal-proprjetà parafernali tal-mara f'dak iż-żmien:

> *"(1) The enjoyment belongs to the wife; when however there is community of acquests, the fruits of such property belong to the community, saving any agreement to the contrary….*
>
> *(2) Even the management of paraphernal property shall belong, as a rule to the wife (s.1388); in case however, the fruits of such property are included in the acquests, the management appertains to the husband…."*

Issa l-każ odjern però, kif jispjega l-perit legali, m'għandux x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-proprjetà imsemmija iżda jirrigwarda invece kwistjoni dwar parti mill-proprjetà mertu tal-kuntratt tad-diviżjoni tal-1981, għalhekk meta ġiet intavolata l-azzjoni ma jidhirx li kien il-każ li jiġu mdaħħlin fil-kawża l-irġiel tan-nisa li kienu partijiet f' tali kuntratt. F'dan ir-rigward għalhekk ma kien hemm l-ebda lok għall-preżenza ta' Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino f' din il-kawża qua "amministraturi" tal-beni parafernali ta' marthom. L-eċċezzjoni mqajma f' dan ir-rigward hija għalhekk fondata mhux tant għar-raġuni mogħtija mill-konvenuti li qajmuha (u cioè għaliex l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tal-mara hija f'idejn l-istess mara) iżda proprju għaliex il-każ odjern imur lil hinn mis-sempliċi amministrazzjoni tal-proprjetà imsemmija, u jirrigwarda invece kwistjoni dwar parti mill-proprjetà mertu tal-kuntratt tad-diviżjoni tal-1981 u talba biex tiġi ordnata korrezzjoni f' tali kuntratt.

• In kwantu tħarrku bħala *"kap tal-komunjoni tal-akkwisti"*,

Kif josserva l-perit legali, il-proprjeta` mertu tal-kwistjoni odjerna qatt ma setgħet tifforma parti mill-komunjoni tal-

---

[10] Revised by Prof. J.M. Ganado, Revised edition 1978, p.504-50

akkwisti għaliex ġejja mill-wirt tan-nisa ta' Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino u għalhekk l-istess Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino qatt ma kellhom *locus standi* f' dawn il-proċeduri in kwantu ġew imħarrka bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti.

Għal dawn ir-raġunijiet Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino proprio għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Jiġi ċċarat però, li Edward Fiorentino[11] li fis-6 ta' Ottubru 1987 kien ġie konfermat bħala kuratur deputat tal-assenti Arthur Spiteri għandu jibqa' fil-kawża f'din il-kwalità.

Dwar l-eċċezzjoni li l-attur Edwin Hammett f'ismu proprju m'għandu l-ebda interess fil-proċeduri u għalhekk il-konvenuti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu, din fil-fatt kienet eċċezzjoni li tqajmet mill-konvenuti kollha.[12] Edwin Hammett jiġi r-raġel ta' Mary Hammett, bint Ersilia Spiteri, waħda mis-seba kondividenti oriġinali fuq il-kuntratt ta' diviżjoni tal-1981. Mhux kontestat li l-attriċi Mary Hammett hija werrieta ta' ommha u li għalhekk għandha sehem mill-proprjetà li messet lil ommha (il-porzjoni numru 4).

Kif jgħid il-perit legali, l-istess kunsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-eċċezzjoni preċedenti (fir-rigward tal-konvenuti Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino) japplikaw fir-rigward tal-attur Edwin Hammett. Huwa m'għandu x'jaqsam xejn mas-sehem spettanti lil martu Mary Hammett mill-imsemmija proprjetà u l-preżenza tiegħu f'dawn il-proċeduri mhix meħtieġa. Għalhekk ukoll huwa m'għandu l-ebda interess

---

[11] Fill-kuntratt tad-diviżjoni tal-1981 Edward Fiorentino kien deher fil-kwalita` tiegħu ta' <u>prokuratur</u> tal-assenti Arthur Spiteri

[12]
(a) Ir-raba' eċċezzjoni ta' Marianna u Giovanni konjuġi Farrugia;
(b) It-tielet eċċezzjoni ta' Vittoria Spiteri;
(c) It-tieni eċċezzjoni ta' Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa u Pierre konjuġi Scerri;
(d) It-tieni eċċezzjoni ta' Emilia u Edward konjuġi Fiorentino u
(e) It-tielet eċċezzjoni ta' Andrew Spiteri

f'dawn il-proċeduri u konsegwentement il-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu.

Dwar l-eċċezzjoni li l-attur Andrew Scicluna m'għandux interess u l-locus standi in judicio, il-Qorti qieset illi din kienet eċċezzjoni oħra li tqajmet mill-konvenuti kollha.[13] Huma lkoll isostnu li l-attur Andrew Scicluna m'għandux l-interess u *l-locus standi in judicio* billi la kien wieħed mill-kondividenti u lanqas ma huwa werriet ta' martu Ersilia Scicluna nee Spiteri. Kif josserva l-perit legali, isem l-attur Andrew Scicluna ma jidher imkien fuq il-kuntratt tad-diviżjoni tal-1981. Lanqas ma ġie esibit xi testament da parti tal-atturi biex jirribattu din l-eċċezzjoni li tqajmet mill-konvenuti kollha.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jidher li din l-eċċezzjoni hija fondata: ma ġiex pruvat li Andrew Scicluna għandu xi dritt fuq is-sehem spettanti lil martu Ersilia u uliedhom, u għalhekk il-preżenza tiegħu mhux meħtieġa. Għalhekk huwa minnu li m'għandux interess u *locus standi* f' dawn il-proċeduri u konsegwentement il-konvenuti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu.

Jingħad finalment illi Andrew Scicluna miet fl-1 ta' Ottubru 1994 u uliedu l-atturi l-oħra assumew il-kawża minfloku kif jirriżulta min-nota tagħhom tal-10 ta' Jannar 1996 u d-digriet relattiv datat 11 ta' Novembru 1996.

Dwar l-eċċezzjoni li l-attur Carmelo sive Charles Scicluna għandu jipprova l-mandat ta' ħuh l-assenti Joseph Scicluna, il-Qorti qieset illi din kienet eċċezzjoni preliminari li tqajmet mill-konvenuti kollha.[14] Il-kawża ġiet intavolata fis-16 ta'

---

13 (a) It-tielet eċċezzjoni ta' Marianna u Giovanni konjuġi Farrugia;
(b) It-tieni eċċezzjoni ta' Vittoria Spiteri;
(c) Ir-raba' eċċezzjoni ta' Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa u Pierre konjuġi Scerri;
(d) Ir-raba' eċċezzjoni ta' Emilia u Edward konjuġi Fiorentino u
(e) It-tieni eċċezzjoni ta' Andrew Spiteri

14 (a) It-tieni eċċezzjoni ta' Marianna u Giovanni konjuġi Farrugia;
(b) L-ewwel eċċezzjoni ta' Vittoria Spiteri;

Settembru 1987. L-okkju tal-kawża jindika li l-attur Carmel sive Charles Scicluna qiegħed jidher f'ismu proprju u għan-nom ta' ħuh Joseph Scicluna, assenti minn dawn il-gżejjer.

Wara li l-atturi ġew notifikati bin-noti tal-eċċezzjonijiet ta' (1) Marianna u Giovanni konjuġi Farrugia; (2) ta' Vittoria Spiteri; ta' (2) Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa u Pierre konjuġi Scerri; u ta' (4) Emilia u Edward konjuġi Fiorentino (f'dak l-istadju il-konvenut Andrew Spiteri kien għadu ma ppreżentax in-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu), fejn raw li kien hemm din l-eċċezzjoni komuni fir-rigward ta' Carmelo sive Charles Scicluna u l-allegat mandat ta' ħuh Joseph Scicluna, huma fit-28 ta' Diċembru 1987[15] esebew dikjarazzjoni magħmula mill-istess Joseph Scicluna datata 4 ta' Diċembru 1987[16]. F'din id-dikjarazzjoni, debitament transunta fl-atti tan-Nutar Patrick Critien fl-4 ta' Diċembru 1987, Joseph Scicluna jgħid:

> *"Whereby I can confirm that I had been informed about the intention to file this lawsuit way back in mid-August 1987 over a telephone conversation which I had with my brother Carmelo, and whereby I fully authorised him to represent all my interests in this lawsuit as well as in all acts connected and/ or ancillary thereto."*

In vista ta' din id-dikjarazzjoni din l-eċċezzjoni qeghda tiġi miċħuda.

Dwar il-mertu, din il-Qorti qieset illi skont il-kuntratt kull biċċa għandha kejl superfiċjali ta' 265mk, u skont il-pjanta kull biċċa għandha kejl superfiċjali ta' 265mk u faċċata ta' 13.5m fuq St

---

(c) It-tielet eċċezzjoni ta' Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa u Pierre konjuġi Scerri;
(d) It-tielet eċċezzjoni ta' Emilia u Edward konjuġi Fiorentino u
(e) L-ewwel eċċezzjoni ta' Andrew Spiteri

[15] Ara nota fol 50A

[16] Fol 49-50 (inkluż tergo)

James Street, Luqa (totali ta' 40.5metri). Però l-atturi sussegwentement għall-iffirmar tal-kuntratt, irrealizzaw illi l-art tagħhom (il-porzjon 4), indikata fuq il-pjanta b'faċċata ta' 13.5m bħaż-żewġ porzjonijiet l-oħra, fil-fatt m'għandhiex kejl superfiċjali ta' 265mk kif indikat fuq l-istess pjanta, iżda kejl inqas, u li biex effettivament ikollhom kejl superfiċjali ta' 265mk, il-faċċata tagħhom kellha tkun usa minn 13.5m. Għalhekk isostnu li hija zbaljata l-pjanta annessa mal-kuntratt li tindika kull porzjoni ta' 265mk b'faċċata ta' 13.5m.

Il-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti, fir-rapport tiegħu qal illi kemm mis-survey kif ukoll minn qisien li ttieħdu waqt l-aċċess tal-11 ta' Novembru 2008, il-faċċata tat-tlett porzjonijiet fiha qies totali ta' 43.33 metru (mhux 40.5m kif tindika l-pjanta annessa mal-kuntratt tal-1981). Spjega illi mis-survey tal-art metru ta' din il-kawża (Dok JEV/1)[17] jirriżulta li l-area totali tal-parti tal-art fabbrikabbli, mertu ta' din il-kawża, hu ta' 787.5 mk (mhux ta' 795mk kif tindika l-pjanta annessa mal-kuntratt tal-1981).

Huwa kkonstata hekk fir-rigward tal-pjanta annessa mal-kuntratt:

> *"Hemm diverġenza sostanzjali bejn l-area ta' 265 metri kwadri għal kull plot u l-area li tirriżulta jekk tibbaża l-area ta' kull plot fuq faċċata ta' 13.5 metri għal kull plot. Fil-fatt minn kalkoli magħmula minni a bażi tas-survey li sar issa, u meħud tul ta' faċċata ta' 13.5 metri għandu jirriżulta li l-area ta' kull plot hija hekk:*
>
> | | | |
> |---|---|---|
> | *Plot Nru 4.* | *Area 222.75 m²* | *Faċċata 13.5 metri* |
> | *Plot Nru 5.* | *Area 232.87 m²* | *Faċċata 13.5 metri* |
> | *Plot Nru 6.* | *Area 282.15 m²* | *Faċċata 13.5 metri* |
>
> *Biċċa art extra mal-plot Nru. 6 fiha 49.73m²"*

Kif ikkummenta l-perit legali f'dan ir-rigward, id-diverġenza bejn il-kejl ta' 265 mk skont il-kuntratt tal-1981 u l-kejl

[17] Dok JEV/1 fol 439

effettiv ta' kull plot hija sostanzjali fis-sens illi hemm diverġenza ta' iktar minn 5% kif stipulat fl-artikolu 1402 tal-Kodiċi Ċivili:

(i) fir-rigward tal-plot nru 4 hemm 15.94% inqas,
(ii) fir-rigward tal-plot nru 5 hemm 12.12% inqas, u
(iii) fir-rigward tal-plot nru 6 hemm 6.47% iktar - però ma' dan il-plot trid tiżdied il-porzjon art ta' 49.73mk li ħalla barra l-perit Raymond Vassallo mill-pjanta oriġinali li kienet annessa mal-kuntratt, u allura fir-realtà dan il-plot fih kejl ta' 331.88mk u għalhekk id-differenza bejn il-kejl ta' 265 mk hija ta' <u>25.24% iktar</u>.

Il-perit tekniku ikkalkula li biex mill-art li kellha tinqasam fil-porzjonijiet 4, 5, u 6 joħorġu tlett biċċiet art ta' kejl superfiċjali ugwali, il-kejl superfiċjali ta' kull biċċa trid tkun ta' 262.5 mk, u l-faċċati ma jistgħux ikunu ta' kejl ugwali. Huwa spjega hekk:

"*Peress li l-konfigurazzjoni tal-art mertu ta' din il-kawża mhux rettangolari iżda pjuttost trapezoidal, allura biex l-area ta' kull plot ikollha l-istess area ta' art, il-faċċata ta' kull plot ikollha tvarja minn waħda għal oħra. L-area l-faċċata ta' kull plot huma kif ser jingħad hawn taħt:*

*Plot Nru 4. Area 262.5 m²* *Faċċata 15.77 metri*
*Plot Nru 5. Area 262.5 m²* *Faċċata 14.69 metri*
*Plot Nru 6. Area 262.5 m²* *Faċċata 12.87 metri."*

Iżda l-konvenuti jargumentaw illi l-vera intenzjoni tal-kondividendi kienet li kull biċċa art ikollha 13.5m faċċata fuq it-triq. Fil-fehma ta' din il-qorti dan assolutament mhux verosimili. Kull ma jissemma' fuq il-kuntratt tad-diviżjoni hu li l-area ta' kull biċċa art hija ta' circa 265mk u qatt ma ssemma' xejn fir-rigward ta' kemm kellha tkun il-faċċata. Lanqas ma hu sostenibbli l-argument tagħhom li kulħadd kien jaf li hemm l-ixtur fuq wara l-art u li għalhekk kien ovvju għal kulħadd li jekk il-faċċata kellha wisgħa stabbilit u l-fond kien ivarja, allura bil-fors li l-kejl superfiċjali ta' kull biċċa kellha tvarja ftit minn waħda għall-oħra. Il-kondividenti ħallew f'idejn il-perit Raymond Vassallo u fuq il-pjanta stess li għamel dan il-perit il-

kejl superfiċjali ta' kull biċċa art ġie indikat li hu ta' 265mk. M'għandux wieħed jiġi preġudikat talli ma ndunax li pjanta li ġiet redatta minn bniedem professjonali kienet fil-fatt zbaljata.

Din il-qorti taddotta u tagħmel tagħha l-konklużjoni tal-perit legali illi l-intenzjoni tal-kondividendi fil-kuntratt tal-1981 effettivament kien li t-tlett plots ikunu ta' kejl ugwali (circa 265mk) u mhux diżugwali, kif jirriżulta li huma meta wieħed jimxi mal-pjanta li ġiet annessa mal-kuntratt.

Għalhekk huwa l-każ li t-talbiet tal-atturi ghandhom jintlaqgħu. Jekk il-plots jiġu diviżi bil-mod propost mill-perit tekniku, kull plot ikollu kejl superfiċjali ta' 262.5mk u dan huwa ferm viċin għal dak li ġie maqbul fil-kuntratt tad-diviżjoni tal-1981.

Għal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Marianna u Giovanni konjuġi Farrugia; tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Maria Emmanuela sive Maria Spiteri, ta' Anna Grace sive Graziella Spiteri, ta' Andrew Spiteri u Theresa u Pierre konjuġi Scerri; u tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Emilia u Edward konjuġi Fiorentino, u tillibera lil Giovanni Farrugia, Pierre Scerri u Edward Fiorentino, rispettivament, mill-osservanza tal-ġudizzju. B' dan li l-istess Edward Fiorentino kif imħarrek fil-kwalita` tiegħu ta' kuratur deputat għall-assenti Arthur Spiteri għandu jibqa' fil-kawża;

(ii) Tilqa' r-raba' eċċezzjoni ta' Marianna Farrugia, tilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' Vittoria Spiteri, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Maria Emmanuela sive Maria Spiteri, ta' Anna Grace sive Graziella Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa Scerri, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Emilia Fiorentino, tilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' Andrew Spiteri, u tiddikjara li Edwin Hammett m'għandu l-ebda interess fil-

kawża, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu;

(iii) Tilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' Marianna Farrugia, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Vittoria Spiteri, tilqa' r-raba' eċċezzjoni ta' Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Maria Emmanuela sive Maria Spiteri, ta' Anna Grace sive Graziella Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa Scerri, tilqa' r-raba' eċċezzjoni ta' Emilia Fiorentino, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Andrew Spiteri u tiddikjara li Andrew Scicluna m'għandu l-ebda interess fil-kawża u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu;

(iv) Tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' Marianna Farrugia, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' Vittoria Spiteri, tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' Emmanuela armla ta' Ernest Spiteri f' isimha proprju u bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-assenti Joseph Spiteri, ta' Maria Emmanuela sive Maria Spiteri, ta' Anna Grace sive Graziella Spiteri, ta' Andrew Spiteri u ta' Theresa Scerri, tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' Emilia Fiorentino u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' Andrew Spiteri;

(v) Tiċħad ukoll il-kumplament tal-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenuti;

(vi) Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-pjanta annessa mal-att tad-diviżjoni tal-1 ta' Diċembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia ma tirriflettix il-konfigurazzjoni attwali tal-art in diviżjoni u lanqas il-kejl tal-istess art u għalhekk il-pjanta hija żbaljata kif fuq intqal u ma tissodisfax l-intenzjoni tal-partijiet;

(vii) Tilqa' t-tieni talba tal-atturi b'dan illi l-pjanta li għandha tiġi sostitwita flok dik li tinsab mal-kuntratt tal-1 ta' Diċembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia għandha tkun dik annessa mar-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju l-AIC Joseph Ellul Vincenti u immarkata bħala Dok JEV/1;

(viii) Tilqa' t-tielet talba tal-atturi u tordna li jsir l-att korrettorju tal-imsemmi kuntratt ta' diviżjoni billi l-porzjonijiet art f' Ħal Luqa deskritti fil-porzjonijiet numru 4, 5, u 6 fl-imsemmija diviżjoni jiġu korretti billi jiġu jikkorrispondu mal-porzjonijiet il-ġodda kif deskritti bil-kejl u konfini tagħhom mill-Perit Joseph Ellul Vincenti skont it-tieni talba;

(ix) Tilqa' r-raba' talba tal-atturi u tiffissa l-jum tas-17 ta' Ottubru 2017, u l-ħin tal-11:00 ta' filghodu, għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att korrettorju, u tinnomina lin-Nutar Sean Critien biex jirċievi l-istess att u Dr. Josette Grech bhala kuratur biex tidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att korrettorju.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu in kwantu għal kwart mill-atturi u għar-rimanenti tlett kwarti mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG